MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru 226/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**
**DIGOR SULTANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Digor Sultana ta’ 22 sena, bin Emanuel u Gaetana nee’ Perrone, mwieled Pieta’ fit- 23 ta’ Gunju 1989, residenti Blk B Flat 6, Triq Kordin, Rahal Gdid u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 279989M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) fit- 23 ta' Frar 2012 ghal habta tas- 7.00pm u hinijiet wara gewwa r- residenza li ggib l- isem Blokk B Flat 6, Triq Kordin, Rahal Gdid u f' dawn il- Gzejjer minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta' huh Italo Sultana minn Rahal Gdid cioe' ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifikat Dr. Christian Zammit Reg (Reg 3781) mill- isptar Mater Dei, liema ferita maghmula b' arma regulari, bi strument jaqta' jew iniggez;

2) ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, Digor bl- imgieba tieghu kkaguna biza' lil Italo Sultana minn Rahal Gdid li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta' tieghu jew kotnra l- presuna jew il- propjeta' ta' xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

3) ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Italo Sultana minn Rahal Gdid ingurji jew theddid mhux imsemmi bnadi ohra fil- Kodici Kriminali;

4) ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi mbotta lil Italo Sultana minn Rahal Gdid biex iweggghu jew jinsulentah;

5) ukoll talli kiser il- provedimenti tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 moghti lili mill- Qorti tal- Magistrati Malta Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D nhar it- 18 ta' Marzu 2011;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta sitwazzjoni ta' glied bejn ahwa. Fid-data indikata, qam argument bejn l-imputat u huh, Italo Sultana, u spicca hebb ghalih b'sikkina u kkaguna ferita hafifa. B'xorti tajba, l-incident ma eskalax, u l-istorja waqfet hemm. L-imputat ammetta anke mal-Pulizija li kien hu li hebb ghal huh, u talab skuza ghall-incident. Il-Qorti hi tal-fahma li l-imputat ghandu bzonn ta' sorveljanza fuqu fil-hajja tieghu. Ma jidherx li hemm il-htiega li tinghata piena li tirrestringi l-liberta' personali tieghu. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' ai termini tal-Kap 446, flimkien ma' multa u garanzija, bl-isperanza li din tkun ta' deterrent u ta' ghinuna effettiva u ma jigux ripetuti dawn it-tip ta' reati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 215, 217, 221(2), 222, 383, 384, 385, 251B, 339(1)(e) u 339(1)(l) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapital 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannah inoltre multa ta' tlett mitt ewro (€300) fuq il-hames (5) akkuza.
Torbot lill-imputa b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena taht penali ta' elf ewro (€1,000) ai terminu tal- Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------